# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum it-Tnejn, erbatax (14) ta’ Lulju, 2025**

**Rikors Ġuramentat nru. 539/2019MH**

**Numru: 1**

**Polidano Brothers Limited**
**Vs**
**Mapfre Middlesea p.l.c**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors datat 23 ta’ Ottubru, 2024, fejn għar-raġunijiet kif se jiġu elenkati ġie mitlub lil din il-Qorti li ai terminu ta’ l-artikolu 964 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta tiddikjara din il-kawża deżerta.

Rat li nonostante li dan ir-rikors inġab a konjizzjoni tal-parti l-oħra li anke ngħatat żmien għar-risposta, din baqgħet inadempjenti. Tħalla għat-trattazzjoni.[1]

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti rat li fit-2 ta' Diċembru, 2020, tat deċiżjoni fuq eċċezzjoni preliminari dan in vista ta' klawsola arbitrali viġenti bejn il-partijiet.

Rat ukoll li din id-deċiżjoni ġiet appellata. Pero' rat illi nonostante tali appell, dan ġie ddikjarat deżert għax il-kawtela baqgħet ma tħallsitx.[2] Dan ġara fit-12 ta' April, 2021.

Rat ukoll illi kif jidher mill-atti tal-arbitraġġ lilha esebiti, annessi mar-rikors in eżami, li Polidano Brothers kaxkret saqajha mhux bi ftit biex ġew mibdija l-proċeduri ta' arbitraġġ, oltre tlett xhur sew minn meta l-appell ġie ddikjarat deżert.

[1] Seduta 28 ta' Ottubru, 2024.
[2] Folio 119 ta' l-appell.

Għalhekk, skont ir-rikorrenti dan iwassal għall-konklużjoni li t-terminu perentorju stabbilit mil-liġi għal għeluq ta' l-atti bil-miktub ġie oltre' che' superat bil-konsegwenza li din il-kawża llum għandha tiġi ddikjarat deżerta.

Il-Qorti pero' ġiet infurmata wkoll illi quddiem l-arbitru qed jinstemgħu u qegħdin pendenti deċizjoni preliminari vertenzi dwar preskrizzjoni wkoll it-tardivita' tal-preżentata ta' l-istess arbitraġġ.

Rat ukoll li fil-fatt is-soċjeta' attriċi li ħalliet l-appell tagħha jmur deżert naqset ukoll għal snin sħaħ milli tiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti għal dan il-fatt, li barra żbalji amministrattivi, spiċċat li reġgħet appuntat din il-kawża għas-smiegħ quddiema biss wara snin mid-digriet ta deżerzjoni. Din il-Qorti fil-fatt ma kellha ebda nformazzjoni li l-arbitraġġ kien inbeda o meno.

Huwa f'dan l-istadju li din il-Qorti ġiet a konoxxenza ta' dak li kien qed jokkorri fiċ-Ċentru Arbitrali u l-mod kif l-attriċi mxiet bil-kawża tagħha.

Rat ukoll li fid-deċiżjoni tagħha ġia' msemmija, dik li laqgħet il-klawsola arbitrali, il-Qorti kienet ħalliet din il-kawża *sine die*, bil-ħsieb ovvju ta' pendenza tal-lodo arbitrali.

Ħadd mill-partijiet ma qatt ressaq xi rikors biex jitlob lil din il-Qorti tirriappunta l-kawża. Dan għamlitu hi *sua sponte* biex tieħu konjizzjoni ta' fejn kienet waslet din il-vertenza bejn il-partijiet.

Illi mal-ewwel smigħ ta' dan ir-riappuntament, ġie trattat dan ir-rikors ta' deżerzjoni tal-kawża għar-raġunijiet hawn ġia' esposti.

Ikkunsidrat:

Il-liġi dwar id-deżerzjoni taqra kif ġej:

> *"963.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża,għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.*
>
> *(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta'appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata..*
>
> *(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illil-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.*

*(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.*

*(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.*

*(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, lil-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:*

*(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha; u*

*(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.*

*(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.*

*964.(1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita sine die jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet(3) xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid*

*Iżda meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija.*

*2) Kawża tiġi appuntata mill-ġdid jew mill-qorti fuq il-mozzjoni tagħha stess jew wara rikors ta' waħda mill-partijiet."*

Ikkunsidrat, li mil-lat ġurisprudenzjali nsibu li fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Pietru Camilleri et. vs Michael u Marija konjuġi Portelli et**.[3] ingħad dan dwar id-deżerzjoni**:-**

> *"Billi iżda d-disposizzjonijiet tal-liġi fuq id-deżerzjoni xejn ma huma preċiżi u anzi huma inkonsistenti ma' xulxin – l-art. 967 igħid illi d-deżerzjoni titqies li ġrat ipso iure fil-jum li fih jagħalqu ż-żminijiet perentorji għall-għeluq tal-proċeduri bil-miktub u l-art. 963(3) igħid illi d-deżerzjoni ma titqiesx li ġrat f'dak il-jum għax il-qorti għandha tagħti l-ordnijiet li tqis xierqa biex il-proċeduri jingħalqu u biex tiġi evitata d-deżerzjoni, u l-art. 963(3A) igħid illi d-deżerzjoni sseħħ mhux ipso iure iżda tiġi dikjarata b'dikriet – "*

Intqal ukoll fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Distinct Conversions Limited vs Joseph u Agnes miżżewġin Fasanelli:-**

> *"... l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti (ara decizjoni fl-ismijiet Azzopardi - vs – Aquilina et tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Novembru 1999). Issa, fil-qaghda procedurali li tapplika bhalissa, peress li citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kkastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-Citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum ta' l-ewwel smiegh (ara decizjoni Elmo Insurance Services Ltd - vs – E. Pace et, Prim Awla, 14 ta' Lulju 2000)."*

[3] Deċiża **27 ta' Ġunju 2016 rikors 17/2006 PC Appell Ċivili deċiża 31 ta' Jannar, 2003 Appell Civili Numru. 1956/1999/1**

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju jidher li s-soċjeta' attriċi kaxkret mhux bi ftit saqajha biex tmexxi bil-għaqal dawn il-proċeduri fuq kollox minnha istitwita. Dan kemm fejn jikkonċerna l-appell, ukoll biex tressaq il-proċeduri quddiem l-arbitraġġ. Nonostante ċioe' dawn il-proċeduri llum inbdew u jidhru li huma mexjin.

Daqstant ieħor tqis li l-parti mixlija damet biex wriet lill-Qorti il-mod għal kollox kajman li bih kienet qed timxi l-attriċi.

Detto ċioe' l-Qorti tara wkoll illi l-artikoli tal-liġi jitolbu, minħabba l-ħsieb punitiv tad-deżerzjoni, li qabel ma' l-Qorti tippronunzja ruħha fuq l-istess, tara li tkun tat ordnijiet li jekk mhux obduti jwasslu għal dan id-digriet. Dan joħroġ ċar mil-liġi ċitata.

**L-ordni li kienet tat din il-Qorti kienet biss fil-konfront ta' l-eċċezzjoni arbitrali. Minn hemm 'l hemm il-kawża kienet imħollija *sine die* u ġiet ri-appuntata kif ingħad.**

Hu mifhum ukoll li l-Qorti ħalliet il-kawża *sine die* biss għaliex kienet qed tistenna l-eżitu arbitrali in omaġġ ta' dak miftiehem bejn il-partijiet.

Hu daqstant ieħor miżmum u tgħid sew il-liġi li:

> *"...meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija."*

Huwa vera li l-arbitraġġ mhux kawża oħra, huwa din il-kawża li bi qbil tal-partijiet marret quddiem l-arbitru għad-deċiżjoni tagħha. Pero' ma jagħmel ebda sens li din il-Qorti li tkun hi stess li bagħtet kawża quddiem l-arbitru, issa taqtalha saqajha u tiddikjaraha deżerta, aktar u aktar meta issa jidher li din qed tistenna deċiżjonijiet preliminari kif ingħad. Dan mhux ċertament l-iskop ta' dak li hu l-ħsieb wara d-deżerzjoni, li kawża tiġi stronkata waqt li qiegħda effettivament tinstema'.

Dan mhux mod bilgħaqal kif jiġu kondotti l-kawżi, minn ebda parti.

Konsegwentement, qegħda tiċħad it-talba kif mressqa. Pero' għal fini ta' kontroll fuq l-andament ta' din il-kawża, tħallija fuq il-lista biex b'hekk il-partijiet jinfurmawha l-progress li qed isir quddiem l-arbitraġġ.

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep.Reġ**